**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru 343/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Joseph Camilleri**
**(ID 187467M)**

Illum, 27 ta' Settembru 2019

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Camilleri** ta' 44 sena, bin Bartholomeo u Mary nee` Muscat, imwieled il-Pieta` fid-9 ta' April 1967 u residenti 28, 'Kennedy', Triq l-Oratorju, Għargħur, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 187467(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Settembru 2011 u fiż-żmien ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu u liema reat ġie kommess fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skond l-artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'dawn il-Gżejjer bejn Marzu 2010 u t-tliet snin ta' qabel kellu fil-pussess tiegħu d-droga **kokajina**, kif ukoll bejn Marzu 2010 u t-tliet xhur ta' qabel, kelllu fil-pussess tiegħu d-droga **eroina**, speċifikati fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' u jiġi deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wieġeb li mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti kif preseduta milli terġa tisma' l-provi mismugħa fil-kawża sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ huma s-segwenti: Nhar l-14 ta' Settembru 2011, waqt li l-Pulizija kienet qegħda twettaq tfittxija ġewwa residenza fil-Għargħur, bis-saħħa ta mandat maħruġ fil-konfront ta' ċertu Silvana Armeni, suspettata li setgħet kienet qegħda tittraffika d-droga, instabet sustanza suspettata droga eroina, dwar liema droga spontanjament l-imputat iddikjara li din kienet tappartjeni lilu.

Jirriżulta mix-xhieda tal-**Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech** illi nhar l-14 ta' Settembru 2011, wara informazzjoni li ċertu Silvana Armeni setgħet kienet qegħda titraffika d-droga u fuq skorta ta' mandat maħruġ fil-konfront tagħha, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga esegwew tali mandat f'fond ġewwa l-Imsida, fejn kien maħsub li kienet tirrisjedi l-istess Armeni. Waqqfu lil Armeni hekk kif kienet dieħla fl-imsemmi fond, iżda tfittxijiet fuq il-persuna tagħha, fl-istess fond u anke fil-vettura tagħha rriżultaw ilkoll fin-negattiv. Sussegwentement, irriżulta illi l-istess Armeni kienet tirrisjedi mas-sieħeb tagħha, ċertu Joseph Camilleri ossia l-imputat odjern, ġewwa l-fond 28, Kennedy, Triq l-Oratorju, Għargħur, u għalhekk il-pulizija aċċedew f'dan il-fond. Skont ix-xhud, Armeni baqgħet dieħla ġo kamra tas-sodda u minn ġo kexxun ta' komodina fl-istess kamra, għaddiet lill-pulizija xi boroż tal-plastik vojta, liema boroż hija qalet li ma kienux tagħha. Jgħid ukoll illi waqt it-tfittxija fl-istess fond, għall-ħabta tas-6:00 p.m., wasal l-imputat fir-residenza u saret tfittxija kemm fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll fil-vettura tiegħu, *taxi*, Renault M 218, u minn fuq il-persuna tiegħu ġew ikkonfiskati €250 fi flus kontanti, flimkien ma' *mobile phone* tal-għamla Nokia. Iżjed tard, mill-istess kexxun li minnu Armeni ħarġet il-boroż tal-plastik vojta, f'pakkett tas-sigaretti *Rothmans* aħmar, instabet borża tal-plastik imdaqqsa li kien fiha ammont ta' trab kannella u fl-istess kexxun, instabu wkoll erbatax-il pakkett tal-plastik żgħir bit-trab kannella, mgħarfa u borża tal-plastik żgħira ħafna b'ammont żgħir ta' trab. Huwa nforma lill Maġistrat tal-

Għassa dwar il-każ u nħatru diversi esperti. Jgħid ukoll illi kemm Armeni, kif ukoll l-imputat odjern irrilaxxjaw stqarrija. L-istqarrija tal-imputat ġiet esebita bħala Dok. JJF2.[1] L-Ispettur jgħid ukoll illi l-imputat baqa' jippersisti illi d-droga u l-oġġetti misjuba kienu tiegħu, u jgħid in oltre illi fil-waqt illi l-imputat baqa' jinsisti dwar dan, f'ħin minnhom kien anke kommoss. Fl-istqarrija tiegħu meħuda bil-miktub, madankollu, l-imputat għażel li jbiddel il-verżjoni tiegħu. Ix-xhud iżid jgħid illi stante illi d-droga nstabet fir-residenza tal-imputat u stante wkoll illi oriġinarjament huwa sostna illi tali droga kienet tiegħu, l-istess imputat ġie akkużat bl-imputazzjonijiet odjerni. Jgħid ukoll illi huwa kien għadu kien qed jistenna r-riżultati tal-impronta diġitali u li minkejja li ressaq lill-imputat odjern, kien għadu qed jinvestiga lil Armeni dwar dan il-każ.

In kontro-eżami, l-Ispettur Fenech jgħid illi Armeni ma kellhiex xogħol fiss, li kienet fil-prostituzzjoni u li kienet hi stess li qaltlu li kellha każ pendenti dwar traffikar ta' droga hekk imsejjaħ 'tad-dsatax'.[2]

Xehdet **Silvana Armeni**, li tgħid illi hija kienet ilha taf lill-imputat tmintax-il sena u li kienet ilha tgħix miegħu matul dan iż-żmien fil-fond 28, Kennedy, Triq l-Oratorju, Għargħur. B'referenza għall-14 ta' Settembru 2011, tgħid illi dakinhar hija kienet twaqqfet l-Imsida, li saret tfittxija ġewwa residenza li ma kinitx tagħha iżda tal-ħabiba tagħha u li sussegwentement kienet saret tfittxija fil-fond tal-Għargħur, fejn kienet tirrisjedi hi. Tgħid illi "*pulizija mara ... staqsietni jekk hemmx xi haga gewwa l-post u ghidtilha iva hemm boroz tal-plastic vojta ... Beda is-search il-Gharghur u din qaltli aghtini l-boroz. Jiena mort u ftaht il-kexxun u qbadt u tajthomlha dak il-hin stess*".[3] Tgħid illi dan il-kexxun kien jinsab f'kamra tas-sodda li ma tintużax u li dawn kienu boroż żgħar tal-plastik – dwar dawn tgħid ukoll illi "*kien hemm pakkett u kien hemm xi boroz loose u qbadthomlha u tfajthomlha gol-borza stess u tajthomlha*".[4] Hija tinnega li dawn il-boroż kienu tagħha, tgħid li ma tafx għalfejn kienu hemm, li hija kienet diġa` rat dawn il-boroż qabel, li fil-kexxun ma rat xejn iżjed u li meta ġiet infurmata li kienet ser issir tfittxija l-Għargħur, ftakret fihom għaliex issuspettat li setgħu kienu qed jintużaw għad-droga. Tgħid hekk meta mistoqsija għaliex kienu proprju dawk il-boroż li ġewha f'moħħha li tagħti lill-pulizija:

"*Xhud: Dak il-hin rajthom imma ma tajtx kaz imma x'hin qaltli ha nigu naghmlu search il-Gharghur, imbaghad ftakart fihom*

---

[1] Ara a fol. 25 sa 27 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 13 sa 24.
[3] Ara a fol. 30 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 31 tal-proċess.

*Qorti: u ghalfejn ftakart fihom?*

*Xhud: Ghax jiena ghandi kaz forsi*

*Qorti: Forsi xiex?*

*Xhud: Ghax il-boroz mhux tieghi u ghidt ha nehel bihom jien jekk issa ser jitilghu jaghmlu search il-Gharghur.*"[5]

Hija tgħid ukoll illi l-imputat kien jabbuża mill-kokajina. Tgħid ukoll illi taf li nstabet id-droga ġewwa l-istess kexxun, iżda tteni li hija ma kinitx taf biha u li din ma kinitx hemm meta fetħet il-kexxun. Tgħid illi lill-imputat qatt ma ratu jdaħħal droga d-dar, id-droga fil-kexxun mhijiex tagħha, ta' min hi ma tafx, u li fid-dar kienu jgħixu hi, l-imputat u tlett itfal.

In kontro-eżami x-xhud tgħid illi ma nstab xejn waqt it-tfittxija li saret ġewwa l-fond l-Msida u tikkonferma li fiż-żmien ta' din ix-xhieda, kellha każ pendenti fil-konfront tagħha dwar traffikar ta' droga, dwar liema kienet taħt kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest.[6]

Xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** li jgħid illi nhar l-14 ta' Settembru 2011, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Johann J. Fenech, kienu waqqfu lil Silvana Bugeja u saret tfittxija fil-fond 'Maracana Court', Triq Dun Karm, Msida u f'vettura Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni EBN 098, liema tfittixja rriżultat fin-negattiv. Jgħid illi l-istess persuna għarrfithom illi r-residenza tagħha kienet tinsab il-Għargħur u għalhekk huma aċċedew fil-fond 28, Kennedy, Triq l-Oratorju, Għargħur. Waqt li kienu hemm u kienet bdiet it-tfittxija, is-suspettata nfurmathom illi ġewwa kexxun ta' komodina kien hemm xi boroż u għaddiet dawn il-boroż lil WPC 149, li min-naħa tagħha nfurmatu b'dan kollu. Iżid jgħid li f'xi ħin wasal ukoll l-imputat u mill-istess komodina, fil-kexxun ta' fuq instabu pakkett tas-sigaretti *Rothmans* aħmar, kontenenti borża bi trab kannella u erbatax il-borża, bħal dawk li kienet ikkonsenjat is-suspettata, bit-trab kannella.[7]

Fix-xhieda tiegħu **PC 923 Pierre Guido Saliba** jikkonferma dak li xehed PS 635 u jgħid illi waqt li huwa kien ma' PC 213, f'komodina f'kamra tas-sodda, instabu pakkett tas-sigaretti li kien fih borża b'sustanza kannella suspettata eroina, pakkett

---

[5] A fol. 32 tal-proċess.
[6] A fol. 28 sa 45 tal-proċess.
[7] A fol. 55 sa 66 tal-proċess.

ieħor tas-sigaretti li kien fih boroż żgħar b'sustanza wkoll suspettata eroina u kuċċarina.[8]

Xehdu wkoll **Dr. Stephen Farrugia Sacco**, nominat fil-mori tal-inkjesta bħala espert tekniku sabiex janalizza l-*mobile phones* u l-informazzjoni kollha li jikkontjenu in konnessjoni ma' dan il-każ, li esebixxa r-relazzjoni tiegħu, liema relazzjoni tinsab esebita bħala Dok. SFS 1[9], u **PS 964 Robert Scicluna**, nominat fil-mori tal-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer*, li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu Dok. RS 1, konsistenti f'faxxikolu fotografiku[10], li juri l-oġġetti misjuba fil-fond in kwistjoni.

Fix-xhieda tiegħu **PC 1525 Patrick Farrugia**, ukoll nominat bħala espert fil-mori tal-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer*, esebixxa r-relazzjoni tiegħu, liema relazzjoni tinsab esebita bħala Dok. PF1.[11] Minn din ir-relazzjoni, jirriżulta illi sabiex jespleta l-inkarigu lilu mogħti ġiet murija lilu minn PS 1261 C. Pace, borża tal-plastik imqatta' b'għoqda, dokumentata bħala Dok. 11CIE 301, li kienet tikkontjeni s-segwenti:

A. Borża tal-plastik trasparenti magħluqa b'għoqda li kien fiha trab ta' lewn kannella. Skont l-istess relazzjoni, tali trab ġie elevat mill-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut u wara li ntiżen, ġie stabbilit li kellu piż ta' 22.9 grammi;

B. Pakkett tas-sigaretti Rothmans aħmar vojt;

C. Pakkett tas-sigaretti Du Maurier li kien fih erbatax-il borża żgħira tat-tip *snap lock* li kien fihom trab ta' lewn kannella. Dan it-trab ukoll ġie elevat mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u kellu piż ta' 1.9 grammi;

D. Borża tal-plastik trasparenti li kien fiha 111-il borża żgħira tat-tip *snap lock*.

Jirriżulta mill-istess relazzjoni, illi permezz tal-eżamijiet li huwa għamel, ġew żviluppati s-segwenti impronti, li ġew dokumentati hekk:

i) 11CIE SG1 sa 11CIE SG8: Impronta żviluppati minn fuq il-boroż tat-tip *snap lock*, li kien fihom trab ta' lewn kannella (parti minn Dok. 11CIE 301 C);

---

8 A fol. 67 sa 72 tal-proċess.
9 Ara din ir-relazzjoni a fol. 111 sa 140 tal-proċess.
10 Ara din ir-relazzjoni a fol. 142 sa 149 tal-proċess.
11 A fol. 161A tal-proċess.

ii) 11CIE SG9 u 11CIE SG10: Impronta żviluppati minn fuq il-plastik ta' barra tal-pakkett tas-sigaretti Du Maurier li kien fih il-boroż tat-tip *snap lock* li kien fihom trab ta' lewn kannella (parti minn Dok. 11CIE 301 C);

iii) 11CIE SG11 u 11CIE SG12: Impronta żviluppati minn fuq tnejn mill-111-il borża tat-tip *snap lock* (parti minn Dok. 11CIE 301D).

Xehdet ukoll **WPC 149 Ruth Sammut** li tgħid illi nhar l-14 ta' Settembru 2011 għall-ħabta tal-5.00pm, wara li aċċedew fil-fond 28, Kennedy, Triq l-Oratorju, Għargħur, Silvana Armeni ġibditilha l-attenzjoni li ġo kexxun ta' komodina f'kamra tas-sodda kellha xi boroż tal-plastik, liema boroż ġew elevati.[12]

**PC 213 Nikolai Borg** ikkonferma fil-maġġor parti dak li jgħidu l-kollegi tiegħu, u jżid jgħid illi kien hu li eleva *mobile phone* u flus minn fuq l-imputat, meta dan wasal fir-residenza.[13]

Xehed ukoll **il-Perit Valerio Schembri** maħtur f'dawn il-proċeduri fuq talba tal-Prosekuzzjoni għal fini tal-aggravju tad-distanza mertu tal-ewwel imputazzjoni, li ppreżenta r-relazzjoni tiegħu, esebita bħala Dok. VS[14], skont liema relazzjoni il-*Mystic Pub*, l-Oratorju u parti mir-reċint tal-Iskola Primarja jaqgħu fid-distanza ta' mitt metru mir-residenza tal-imputat.

In oltre xehed l-espert **Joseph Mallia**, maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex jieħu l-impronta diġitali tal-imputat u ssir komparazzjoni mal-impronta esebiti fir-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia. Huwa kkonkluda bil-mod segwenti fir-relazzjoni tiegħu:

i. Illi l-impronti dokumentati 11 CIE SG 1, 11 CIE SG 3, 11 CIE SG 5, 11 CIE SG 8, 11 CIE SG 9, 11 CIE SG 10 u 11 CIE SG 11 kienu neqsin mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u għalhekk ma setgħux isiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti u l-impronti tal-imputat;

ii. Illi l-impronti dokumentati 11 CIE SG 2, 11 CIE SG 4, 11 CIE SG 7 u 11 CIE SG 12 kienu jaqblu u għalhekk kienu identiċi mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija tal-imputat, fil-waqt illi l-impronta dokumentata

[12] Ara din ix-xhieda a fol. 162 sa 164 tal-proċess.
[13] A fol. 165 sa 168 tal-proċess.
[14] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 176 sa 184 tal-proċess.

11 CIE SG 6 kienet taqbel u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija tal-istess imputat.[15]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert fl-inkjesta li saret dwar il-każ, jirriżulta illi dakinhar stess tal-14 ta' Settembru 2011, għall-ħabta tat-19:55, huwa mar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fis-Sezzjoni ta' kontra d-Droga u hemmhekk ġie muri borża tal-plastik trasparenti li kien fiha trab ta' lewn kannella, 14-il borża tal-plastik żgħar trasparenti u biċċa plastik żgħira li kien fiha trab ta' lewn kannella. Wara li analiżża dawn id-dokumenti, kif ukoll kuċċarina, huwa kkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella fid-dokumenti fuq imsemmija nstabet is-sustanza eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 24.8 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 35%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Il-valur tal-eroina kien ta' €46 kull gramma. Il-piż total kien ta' 24.8 li jagħti valur ta' €1,140.80.

c) Illi fuq *swab* meħuda minn fuq il-kuċċarina ma nstabitx droga.[16]

Illi r-relazzjoni ta' **PS 1261 Charles Pace**, esebita bħala Dok. CP, tindika l-oġġetti elevati mir-residenza in kwistjoni.[17]

L-imputat **Joseph Camilleri** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri.[18] In suċċint, huwa jgħid illi meta ltaqa' mas-sieħba tiegħu ta' dak iż-żmien, Silvana Armeni (miżżewġa Bugeja), hija kellha tifel ta' sena u xahrejn. Bdew jgħixu flimkien u kellhom tifla. Armeni kellha problema ta' droga u ġiet akkużata darbtejn b'rabta mad-droga, f'każ minnhom dwar traffikar. F'dan iż-żmien Silvana telqet mid-dar, fil-waqt illi hu baqa' jrabbi t-tfal bl-għajnuna ta' ommu, u kien jaħdem. Eventwalment ħafrilha minħabba t-tfal u reġa' laqagħha lura f'daru. Kellhom wild ieħor u wara xi sena, waqt argument li kellhom bejniethom, Armeni qaltlu li l-aħħar wild ma kienx tiegħu. Dan kien għall-ħabta tas-sena 2007. Jgħid illi b'konsegwenza ta' dan, huwa wkoll beda jabbuża mid-droga kokajina, fil-waqt illi Armeni għal darb'oħra telqet mid-dar u t-tfal baqgħu miegħu. Jixhed illi huwa għamel xi sentejn jew tlieta jabbuża mid-

---

[15] Ara din ir-relazzjoni a fol. 187 sa 280 tal-proċess. L-istess espert xehed ukoll in kontro-eżami a fol. 297 sa 300 tal-proċess.
[16] Ara din ir-relazzjoni a fol. 90 *et seq* tal-proċess.
[17] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 290 *et seq* tal-proċess.
[18] A fol. 312 sa 368 tal-proċess.

droga u berbaq ġidu, sakemm eventwalment fittex l-għajnuna u għeleb il-vizzju. Huwa jispjega illi r-relazzjoni tiegħu ma' Armeni kienet waħda turbolenti għall-aħħar, iżda minħabba t-tfal kien reġa' aċċetta li din terġa' lura fir-residenza tiegħu, bil-patt li titlaq lil ċertu Giża, ma' min skont hu, kellha relazzjoni. Preċedentement Armeni kienet indikat lil dan Giża bħala missier l-aħħar wild tagħha. L-imputat jgħid ukoll illi darba fost l-oħrajn huwa kien sab lil Armeni fis-sodda tabbuża mid-droga kokaina, waqt li t-tfal kienu reqdin u kellu argument magħha. Jgħid li huwa kien neħħilha d-droga bl-intenzjoni li jarmiha, iżda Armeni saret aggressiva miegħu u hedditu li toqtlu jekk jarmi d-droga u għalhekk reġa' tefa' kollox fil-kexxun, fil-waqt li qalilha sabiex tneħħiha minn hemm. Fi kliemu stess: "*U dak il-hin irvillajt. U qbadt naghtiha dak il-hin waqghu dawn l-affarijiet tad-drogi, bil-bott b'kollox. U dak il-hin bdiet tigi hazin hi, bdiet tghajjat u biex ma jqumux it-tfal, jien qbadthom dawn l-affarijiet u ghidtilha dawn nehhihomli minn hawn hekk u poggejthom ...*"[19] *... Jien kont ser immur nifflaxxjaha u bdiet tghajjat u qaltli jekk tarmieha noqtlok. U ergajt poggejtha hemm hekk"*[20] ossia fil-kexxun. Jispjega wkoll illi f'okkażżjoni preċedenti, u ċioe` fil-11 ta' Ġunju 2008, Armeni kienet anke tefgħetlu l-ammonia f'għajnejh[21], u jgħid li dan ma kienx l-unika inċident, stante li skont hu, kien anke qala' daqqiet ta' sikkina mingħandha, iżda stante li kien jibża' minnha u mill-Giża ma kienx jagħmel rapporti fil-konfront tagħha. Jgħid ukoll illi hi u l-Giża qatlulu żiemel u anke ħarqulu karozza[22], apparti li kienu jċemplulu u jhedduh li "*noqtluk u ngholluk*"[23]. Lill-pulizija ma qalilhomx li kellu suspett fil-Giża u f'Armeni għax kien jibża' minnhom, apparti li stante li kienet omm bintu, huwa ma riedx jaraha l-ħabs, għalkemm jgħid ukoll illi kien qal b'dan kollu lill-Ispettur Chris Pullicino. Iżid jgħid li xi jumejn wara l-okkażżjoni li fiha sab lil Armeni tieħu d-droga, sab lill-pulizija x'ħin mar id-dar. Fil-kċina kien hemm Armeni, bil-boroż vojta ħdejha. Il-pulizija wrewh id-droga fil-kexxun u hu, minħabba li kien jibża' minn Armeni u mill-Giża, stqarr mal-pulizija li d-droga kienet tiegħu – "*Jien dak il-hin quddiemha ghidtilhom li tieghi*".[24] Jgħid ukoll illi waqt l-arrest tiegħu beka għaliex minn banda l-waħda ma riedx imur il-ħabs minħabba Armeni u mill-banda l-oħra beda jibża' jikxifha. Jgħid ukoll illi l-kamra fejn instabet id-droga kienet tinfed mal-kamra tas-sodda fejn kienet torqod Armeni, apparti illi Armeni ġieli raqdet f'dik il-kamra wkoll.

---

[19] A fol. 336 tal-proċess.
[20] A fol. 352A tal-proċess.
[21] F'dan ir-rigward, l-imputat esebixxa ċertifikat maħruġ mill-Isptar Mater Dei, mil-liema jirriżulta illi huwa kellu sensazzjoni ta' ħruq, kif ukoll ħmura f'għajnejh u dan wara li kien espost għall-ammonja, allegatament wara ġlieda ma' martu (ara a fol. 369 tal-proċess).
[22] Dwar dawn iż-żewġ inċidenti, ġew esebiti r-rapporti rispettivi, wieħed datat 19 ta' Mejju 2009 u ieħor datat 10 ta' Frar 2010 (ara a fol. 372 sa 380 tal-proċess).
[23] A fol. 342 tal-proċess.
[24] A fol. 356 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina.

M'huwiex kontestat illi nhar l-14 ta' Settembru 2011, ġewwa r-residenza tal-imputat fil-Għargħur, instabu borża tal-plastik imdaqqsa li kienet tikkontjeni d-droga eroina, erbatax-il borża tal-plastik żgħar, li wkoll kienu jikkontjenu l-eroina, kif ukoll borża tal-plastik oħra żgħira bl-istess droga u kuċċarina, li fuqha ma nstabitx droga. Lanqas ma huwa kontestat illi fiż-żmien in kwistjoni, fil-fond fejn instabet din id-droga kienu jirrisjedu l-imputat odjern, Armeni u tliet itfal.

Jirriżulta wkoll mill-provi prodotti u mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Johann J. Fenech, illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'din l-imputazzjoni għaliex fl-ewwel lok, id-droga nstabet fir-residenza tiegħu u fit-tieni lok, stante illi oriġinarjament l-imputat stqarr illi d-droga kienet tiegħu u dan minkejja illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu nhar il-15 ta' Settembru 2011, huwa bidel din il-verżjoni u ddikjara li d-droga u l-oġġetti misjuba kienu jappartjenu lis-sieħba tiegħu ta' dak iż-żmien, Silvana Armeni, kif xehed ukoll fil-proċeduri odjerni.

Irid jingħad illi minkejja illi fis-sottomissjonijiet finali tagħha d-difiża ssostni illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-15 ta' Settembru 2011 hija inammissibbli u dan fid-dawl tal-fatt illi dak iż-żmien il-liġi Maltija ma kinitx tagħti l-jedd lill-persuna arrestata jew suspettata li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, jirriżulta illi waqt ix-xhieda tal-istess imputat f'dawn il-proċeduri, kienet id-difiża stess li għamlitlu referenza għall-istqarrija minnu rilaxxjata u huwa kompla sabiex ikkonferma l-istess stqarrija, fil-waqt illi f'partijiet ikkjarifika xi dikjarazzjonijiet li huwa kien għamel.  Għalhekk il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddikjara tali stqarrija inammissibbli.  Fi kwalunkwe każ tinnota wkoll illi x-xhieda tal-imputat f'dawn il-proċeduri hija fuq l-istess binarji ta' din l-istqarrija, b'dan illi fix-xhieda tiegħu l-imputat jagħti iżjed dettalji dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Armeni matul iż-żmien u dan sabiex isostni l-verżjoni tiegħu illi d-droga eroina ma kinitx tappartjeni lilu, iżda lil Armeni.

Illi stabbilit dan il-punt, il-Qorti tqis illi l-kunsiderazzjoni primarja f'dan il-każ hija waħda ta' kredibilita` u illi finalment jispetta lil din il-Qorti sabiex a bażi tal-provi li għandha quddiemha tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-imputat odjern.

Illi r-retroxena preżentata mid-difiża permezz tax-xhieda tal-imputat, li normalment f'każijiet ta' droga ftit li xejn tkun ta' relevanza, hija fil-fehma tal-Qorti ta' portata ferm determinanti fil-każ odjern.  Permezz tal-verżjoni tiegħu, l-imputat fl-ewwel

lok jispjega l-presenza tad-droga fir-residenza tiegħu u fit-tieni lok, għalfejn huwa oriġinarjament stqarr illi d-droga hekk misjuba kienet tiegħu.

Illi hawnhekk irid jingħad illi kuntrarjament għal dak li tissottometti d-difiża, mir-relazzjonijiet ta' PC 1525 u tal-espert Joseph Mallia, jirriżulta illi l-impronta diġitali tal-imputat instabu mhux biss fuq waħda mill-boroż vojta li kienu fil-kexxun in kwistjoni, iżda wkoll fuq tlieta mill-erbatax-il borża żgħira li kienu jikkontjenu l-eroina, li wkoll kienu fl-istess kexxun. Għalkemm l-espert Joseph Mallia in kontro-eżami jgħid illi l-boroż tal-plastik li huwa ngħata għal fini ta' komparazzjoni kienu kompletament vojta[25], mir-relazzjoni ta' PC 1525 jirriżulta ċar illi l-impronti dokumentati 11 CIE SG 2, 11 CIE SG 4, 11 CIE SG 6 u 11 CIE SG 7 li kienu jaqblu mal-impronti tal-imputat, kienu fuq boroż li nstabu bid-droga. Effettivament mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta kif dakinhar tal-14 ta' Settembru 2011, huwa ħa t-trab ta' lewn kannella suspettat droga f'*evidence bags*, fil-waqt illi PC 1525 ħa l-boroż tal-plastik li kien fihom l-istess trab.

Illi l-prova tal-impronta diġitali tal-imputat fuq l-istess boroż bid-droga ma tħallix dubju illi f'xi ħin, l-imputat kien fil-pussess materjali ta' tali boroż. Biss il-Qorti ma tqisx illi dan il-fatt, flimkien mal-fatt illi d-droga nstabet fir-residenza tal-imputat jew illi huwa oriġinarjament sostna li din kienet tiegħu, għandhom iwasslu għall-ħtija tal-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni, fil-grad li trid il-liġi.

Illi hawnhekk il-Qorti tirrileva illi fil-waqt illi hija ma kellhiex l-opportunita` li tisma' x-xhieda ta' Silvana Armeni, stante illi din ingħatat quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, biss kellha l-opportunita` li tisma' fit-tul lill-imputat odjern u tifli direttament il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda. L-imputat deher ġenwin fid-deposizzjoni tiegħu u kien ukoll konsistenti mal-verżjoni li huwa ta fl-istqarrija oriġinarjament rilaxxjata minnu.

Il-Qorti tinnota wkoll illi s-sieħba tiegħu ta' dak iż-żmien ma jidhirx li kienet xi prinċipjanta fil-qasam tad-droga, tant illi apparti li tressqet il-Qorti dwar akkużi relatati ma' traffikar ta' droga, fosthom fi proċeduri ben noti ma' persuni magħrufin sew fid-dinja tal-kriminalita`, skont l-imputat, kienet hija stess tabbuża mid-droga. In oltre kienet iżżomm il-kumpanija ta' persuni mhux ta' karattru deżiderabbli u kif anke jixhdu l-Uffiċjal Prosekutur u anke l-imputat, kienet tipprostitwixxi ruħha – stil ta' ħajja dan li tefa' r-responsabilita` ta' wliedha, tnejn mil-liema mhumiex ulied l-imputat, f'ħoġor l-istess imputat li rabbihom u ħa ħsiebhom fin-nuqqas ta' ommhom, li jidher li allontanat ruħha mir-residenza tal-imputat f'diversi perjodi f'ħajjitha fid-dawl tal-ħajja li kienet tgħix. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi

[25] Ara a fol. 299 tal-proċess.

li Armeni kienet intiża fid-dinja tad-droga huwa evidenti mill-fatt illi kienet hija stess li ndikat lill-pulizija l-boroż vojta fil-kexxun fejn instabet id-droga u dan għaliex mhux biss issuspettat li setgħu kienu qed jintużaw għad-droga, kif tikkonferma hi fix-xhieda tagħha, iżda fil-fehma tal-Qorti għaliex kienet taf ben tajjeb x'kien l-użu tagħhom. Tant hu hekk illi f'punt minnhom fix-xhieda tagħha, hija tgħid li beżgħet li kienet ser teħel hi għall-presenza tagħhom fir-residenza. Notevoli huwa wkoll il-fatt illi l-mandat ta' tfittxija li bis-saħħa tiegħu setgħet issir il-perkwiżizzjoni fil-fond in kwistjoni, in konnessjoni ma' allegat traffikar ta' droga, kien maħruġ mhux fuq l-imputat odjern, iżda proprju fuq l-istess Armeni.

Illi fuq kollox tqis ukoll illi l-istess Armeni kienet tirrisjedi flimkien mal-imputat fil-fond fejn instabet id-droga u għalhekk ċertament li wieħed ma jistax jeskludi illi d-droga kienet tappartjeni lilha. Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra wkoll illi Armeni stess ġibdet l-attenzjoni tal-pulizija għall-boroż vojta li kienu jinsabu fl-istess kexxun fejn instabet id-droga u kienet hija stess li kkonsenjathom lill-pulizija. Apparti illi la darba kienet taf bil-boroż vojta fl-istess kexxun, ftit li xejn il-Qorti temmen li Armeni ma kinitx konsapevoli li fl-istess kexxun kien hemm ukoll id-droga, fil-fehma tal-Qorti din ma kinitx għajr tattika da parti tagħha biex tagħti l-impressjoni li hija ma kellha x'taqsam xejn mad-droga fil-kexxun.

Illi l-Qorti tqis il-verżjoni mogħtija mill-imputat fix-xhieda tiegħu bħala waħda kredibbli u attendibbli u fuq kollox mhijiex kontradetta bi provi oħrajn fl-atti. Li hu u Armeni kellhom relazzjoni turbolenti jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat maħruġ mill-Isptar Mater Dei fil-konfront tiegħu u għalkemm naturalment mir-rapporti tal-pulizija esebiti ma jirriżultax illi kienu proprju Armeni u l-Giża li taw lok għall-inċidenti ndikati fir-rapport, biss jirriżulta illi dawn seħħew proprju fiż-żmien li huwa kien temm ir-relazzjoni tiegħu ma' Armeni. Fuq kollox fl-isfond tar-rakkont tal-imputat dwar kif progressat din ir-relazzjoni, il-verżjoni li huwa ta kemm oriġinarjament fl-istqarrija tiegħu, kif ukoll matul ix-xhieda tiegħu u dan fis-sens illi huwa kien sabha tabbuża mid-droga fid-dar u li kien għalhekk, fir-rabja li ħakkmitu dak il-ħin, li huwa qabad il-boroż bid-droga, għall-ewwel bl-intiża li jarmihom, hija verosimili, kif hija verosimili wkoll il-verżjoni tiegħu illi oriġinarjament huwa assuma r-responsabilita` għad-droga u l-oġġetti misjuba, kemm għaliex huwa kien jibża' minn Armeni u mill-Giża, kif ukoll għaliex ma kellux il-qalb jaraha arrestata.

Irid jingħad ukoll illi wara li l-Qorti rat ir-relazzjoni tal-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco, tqis illi ma jirriżulta xejn fil-*mobile phone* tal-imputat li jista' jwassalha għall-konklużjoni li huwa kien involut fl-ispaċċ tad-droga.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-prova tal-impronta diġitali tal-imputat fuq il-boroż bid-droga, li d-droga nstabet fir-residenza tiegħu u li l-imputat

oriġinarjament stqarr li din kienet tiegħu ma jegħlbux id-dubju li joħolqu x-xhieda tal-istess imputat u l-fatti l-oħrajn fuq ikkunsidrati u għalhekk tqis ukoll illi ma jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi illi d-droga in kwistjoni kienet tappartjeni lill-imputat odjern.

Illi hawnhekk il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi r-reat li tikkontempla l-liġi jirrikjedi bħala element materjali mhux il-proprjeta`, iżda l-pussess tad-droga. M'hemmx dubju illi materjalment, id-droga kienet fil-pussess tal-imputat għal xi ħin u huwa kien konsapevoli tal-fatt illi din kienet droga għalkemm jgħid illi ħaseb li kienet kokaina. Madankollu, ma jistax jingħad li tali pussess da parti tiegħu kien wieħed volut fis-sens li trid il-liġi. Għalkemm il-liġi tagħna, in kwantu l-pussess tad-droga, imkien ma ssemmi li tali pussess irid ikun wieħed xjenti sabiex tirriżulta r-reita`, madankollu la darba r-reat huwa wieħed doluż u mhux sempliċiment kolpuż, ifisser neċessarjament illi l-att irid ikun wieħed volontarju. Fid-dawl tal-verżjoni tal-imputat illi d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess ta' Armeni u kienet tappartjeni lilha, il-pussess momentanju f'idejn l-imputat meta huwa mar għall-ewwel biex jarmi d-droga, imbagħad biex iqegħdha fil-kexxun fejn instabet, ma jissarrafx fil-pussess, wisq inqas f'pussess aggravat, stante illi ma jistax jingħad illi f'dak il-mument talli pussess kien wieħed volontarju fis-sens li trid il-liġi. Il-fatt illi l-imputat qabad din id-droga sabiex jarmiha jew biex jeħles minnha anzi jindika illi huwa ma riedx dik id-droga fir-residenza tiegħu. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs *Omissis*, Suzette Farrugia** datata 20 ta' Marzu 2019:

*"Illi biex jigi stabbilit il-pussess irid necessrjament jigi ippruvat illi dik id-droga kienet mhux biss fil-kontroll effettiv tal-persuna izda ukoll li hija kellha il-kustodja taghha u dan b'mod volut. Mhux biss izda trid issir il-prova illi dik il-persuna li allura kellha dak il-pusess, kontroll jew kustodja kienet taf li l-oggett li kien fil-pussess taghha kienet droga.*

*Illi l-appellanti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-qrati inglizi fl-ismijiet Warner v Metropolitan Police Commissioner*[26] *fejn inghad*:

***'Ideally, a possessor of a thing has complete physical control over it, he has knowledge of its existence, its situation and its qualities: he has received it from a person who intends to confer possession of it and he has himself the intention to possess it exclusively of others. But these elements are seldom all present in situation with which the court have to deal, and where one or more of them is lacking, or incompletely present, it has to be decided whether the given***

[26] [1969] 2 AC 256.

***approximation is such that possession may be held sufficiently established to satisfy the relevant rule of law. As it is put by Pollock and Wright, possession: is defined by modes of events in which it commences or ceases and by legal incidents attached to it' (Lord Wilberforce).***

*Tkompli billi jigi iccitat id-dictum moghti minn Lord Guest:*

***'Possession, the visible possibility of exercising physical control over a thing, coupled with the intention of doing so, either against all the world … or against all the world except certain persons. There are therefore, three requisites of possession. First, there must be actual or potential physical control, <u>secondly physical control is not possession, unless accompanied by intention</u>, hence, if a thing is put into a hand of a sleeping person, he had not possession of it. Thirdly, the possibility and intention must be visible or evidenced by external signs, for if the thing shows no signs of being under the control of anyone, it is not possessed'.*** [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern huwa evidenti illi l-imputat ma kellux l-intenzjoni li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u għaldaqstant il-Qorti la tista' ssibu ħati tal-pussess ta' dik id-droga u wisq inqas tal-pussess aggravat tal-istess fit-termini tal-ewwel imputazzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Madankollu, minn dak li jgħid l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu kif ikkonfermatha matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, it-tieni imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina u eroina, tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda fl-ewwel lok tieħu in kunsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali mhijiex waħda refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku, ksur tar-regolament taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u reat kontravvenzjonali, bl-aħħar minn dawn ir-reati jirrisali għas-sena 2010.

Tqis ukoll illi r-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat jirrisalu wkoll għal Marzu 2010 u s-snin jew ix-xhur ta' qabel u li sad-data tal-każ odjern, l-imputat diġa` kien

għaraf ifittex l-għajnuna u waqaf jagħmel użu mid-droga. Tqis in oltre illi l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija fl-investigazzjoni tagħha dwar dan il-każ.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż fit-termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi l-ispejjeż inkorsi kienu lkoll b'rabta mal-ewwel imputazzjoni li tagħha l-imputat mhuwiex jinstab ħati u għalhekk m'hijiex ser tikkundannah għall-ħlas ta' tali spejjeż.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, fil-waqt illi qed issib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah għall-piena ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Għar-raġuni fuq indikata, tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni dwar il-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* esebit fl-atti u s-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) esebita bħala Dok. JJF1 favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur